MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-14 ta' Settembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 6/2022 LM

**Nehad Khalifa**
**(K.I. numru 83952(A))**
*('l-appellanta')*

***vs*.**

**Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati**
**u**
**L-Aġenzija Identity Malta**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Nehad Khalifa (K.I. nru. 83952A)** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur appellant'] mid-deċiżjoni tal-24 ta' Jannar, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord

tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha ċaħad l-appell tagħha fil-konfront tad-**Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati** u **l-Aġenzija Identity Malta** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur appellat' u 'l-Aġenzija appellata' rispettivament u flimkien 'l-appellati'] .

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-appellanta magħmula fis-17 ta' Mejju, 2019 lill-Aġenzija appellata sabiex tingħata permess ta' residenza hawn Malta, liema applikazzjoni kienet ġiet miċħuda mill-imsemmija Aġenzija appellata fl-10 ta' Ġunju, 2020.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellanta għalhekk intavolat appell quddiem il-Bord għar-revoka ta' dik id-deċiżjoni fit-23 ta' Ġunju, 2020, iżda wkoll sabiex tingħata permess ta' residenza skont kull kundizzjoni li l-imsemmi Bord kien jidhirlu xierqa.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

4. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"__Plea of nullity raised by appellants representative__*

*On the 01st of November 2021, Mark Sultana, appellants representative raised a plea of nullity in view of the fact that letter was signed by a Manager within the Agency and not the Director of Citizenship and Expatriates, giving rise to such nullity. Appellants representative made reference to a judgement handed by the First Hall Civil Court on the 30th of July 2020 in the names* ***Ikii Mahmoud vs Direttur tal-Agenzija Identity Malta et,*** *333/2019 GM.*

*Identity Malta's legal representative cited another judgement handed by the Court of Appeal in its Inferior jurisdiction, handed on the 12th of July, 2019, in the* ***names Fabio Vespa vs Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati.*** *And the fact that in this appeal, the Immigration Appeals Board orders Identity Malta to reply by means of a note of submissions.*

*Responsive note of submissions is to reach the Immigration Appeals Board by Friday 28th January 2022, following which, the Immigration Appeals Board will proceed.*

*In the former judgment handed on the 30th of July, 2020, the sitting Judge held that the Government Gazette number 17994 of 2006 delegated the power to the Director of Citizenship and Expatriates Afffairs to issue residence permits to third country nationals. Following such Delegation of Powers, Identity Malta Agency was established in 2013, whereby through SL595.07 the Chief Executive Officer of the Agency was vested with the responsibility of carrying out the functions of Identity Malta Agency, including the issuance of residence permits, work permits and other administrative matters related to expatriates. Same can be said in the judgement handed on the 12 of July, 2019 wherein* ad verbatim *it was stated that,*

> "Leġislazzjoni Sussidjarja 595.07 (Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta) hi dik li biha twaqqfet Identity Malta. Skont regolament 9, l-aġenzija għandha uffiċjal kap eżekuttiv li "...jkun responsabbli għall-prestazzjoni, il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-Aġenzija u li jkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-Aġenzija skont l-Att";
>
> Minn qari tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, hu evidenti li d-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriates ma baqax jeżisti (ara Tieni Skeda ta' Kap 497 u issa sostitwit bil-Kap. 595) u minflok twaqqfet l-aġenzija Identità Malta. Meta daħal fis-seħħ Kap. 497 (Att 1 tal-2009), id-Dipartiment kien għadu jeżisti tant hu hekk li jissemma fit-Tieni Skeda tal-Att bħala wieħed mid-Dipartimenti tal-Gvern.

Dak li qabel kien il-funzjoni tad-Dipartiment għadda għand l-aġenzija Identità Malta".

*The Board cannot agree with appellants plea simply on the basis that decision was not issued by a competent official. On the contrary and as already stated the Chief Executive Officer carries an important role within Identity Malta and is certainly not a clerk who has no decision making powers. Besides decision was not taken in his personal name but in his capacity as Chief Executive Officer of Identity Malta being the Authority delegated with such powers to issue refusals.*

*This plea is being rejected.*

***Facts of the case***

*On the 17th May, 2019, appellant applied for a temporary application procedure, which application was refused on by means of a letter dated 10th June, 2020 on the basis that when due diligence was carried out it transpired that appellant suffers from a medical condition for which treatment is not eligible for the granting of a residence permit based on health reasons.*

*Furthermore, according to the documents submitted in support of her application, the medical treatment will take place in a country other than Malta.*

*Appellants medical condition is sever anaemia due to blood loss from uterine fibroids. In one of the documents presented by appellant dated 17 December, 2019 and issued by Mater Dei Hospital, document also indicated that appellant wants a second opinion regarding a treatment form her gynaecologist in Egypt. Appellant is also in her final stages to be a living kidney donor to her sick diabetic father who is undergoing dialysis therapy at Mater Dei Hospital. Appellants medical problem needs to be sorted out prior to the life saving transplant. Appellant is seeking to cure her medical condition in Malta in order to be able to undergo a life saving kidney transplant which her father requires.*

*Appellant presented this Board with a document marked NK wherein it was explained that in previous years she had filed a total of 8 applications, majority filed for health reasons. These were all approved on the basis that appellant was receiving medical care. It was the last application which was refused due to the fact that medical reason indicated does not qualify appellant to obtain a residence permit and also in view of the fact that appellant was seeking medical treatment outside of Malta, thus residene permit was not required.*

*Affidavit presented appellant of Majdulen Khalifa, appellants sister, attested under oath on the 10th July, 2017 and affidavit presented by appellant of Dr Roberta Borg*

*Costanzi attested under oath on the 6th July, 2017 confirm that appellants father had to undergo the kidney transplant in Germany, this after successfully obtaining a subsidy for this major operation. Unfortunately and due to appellants bag containing appellants passport was stolen (as detailed in Majdulen Khalifa's affidavit) making it impossible for appellant and her father to travel to Germany. This means that at the time appellant was in good health and had no medical issues which prohibited her from donating a kidney to her father. In the said affidavit it also results clear that the reason why appellant wants to remain in Malta revolves solely around her father's treatment.*

*From various documents presented by appellant, it does result that appellant has her own gynaecological problems, however the Immigration Appeals Board questions the real intentions of appellant. It results that in 2016 (affidavit of Majdulen Khalifa), appellant who at the time was already contracting the same gynaecologial problems was certified as a kidney donor to her father and following the unfortunate incident where appellants passport was stolen, appellants same medical condition is one which requires a residency permit to allow her to continue with her treatment in order to qualify as a kidney donor to her father.*

*During sitting held on the 26th July, 2021 appellants legal representative reiterated that tests need to be carried out to establish if appellant can be a kidney donor. In 2016 at the time appellant and her father had to travel to Germany to undergo the live kidney transplant, appellant did qualify as a kidney donor to her father.*

*Board also refers to an email marked Doc. CT1 sent by appellants previous legal representative wherein it is stated that appellant wants to go to Germany for a short while to obtain a second opinion. The Board opines that there exists a clear contradiction to the affidavits of Majdulen Khalife and Dr Roberta Borg Costanzi.*

*During sitting held on the 6th of September, 2021 Dorianne Sultana in representation of Identity Malta confirmed that appellants application for a residence permit was refused due to the fact that appellant in her application stated that she will be undergoing treatment outside Malta. Representative further explained that the residence permit is not a travel document as appellant had confirmed in her application that she would travel out of Malta for treatment after the residence permit is issued. It was suggested to appellant to travel out of Malta for treatment and post her treatment she could apply for a visa. Upon her return and if appellant required medical treatment, Identity Malta would have no issue in processing her application based on medical reasons if it was the case. It was made very clear that Identity Malta is not in a position to issue a residene permit if appellant leaves Malta*

*for medical treatment. Appellant can do so post her treatment, re-enter Malta with a visa and apply for a residence permit."*

**<u>L-Appell</u>**

5. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fit-2 ta' Frar, 2022, fejn talbet sabiex tiġi revokata d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tiġi revokata wkoll id-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata tal-10 ta' Ġunju, 2020. Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (i) id-deċiżjoni ġiet iffirmata minn uffiċjal li ma kienx awtorizzat skont il-liġi; (ii) il-Bord għamel apprezzament ħażin tal-provi.

6. Id-Direttur appellat wieġeb fl-14 ta' Frar, 2022 fejn issottometta li l-appell għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet li huwa jfisser fir-risposta tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

7. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellanta fid-dawl ta' dak li ġie deċiż mill-Bord, u anki meħuda in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tad-Direttur appellat.

8. L-ewwel aggravju tal-appellanta jirrigwarda l-firma tad-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata, li skont hi saret minn uffiċjal li ma kienx awtorizzat bil-liġi sabiex jiffirmaha. Tikkontendi li l-firma mhijiex *up to standard* fid-dawl ta' dak li tipprovdi d-Direttiva nru. 4 maħruġa mill-*Office of the Principal Permanent Secretary.* L-appellanta tgħaddi mill-ewwel sabiex tagħmel riferiment rigward

il-kwistjoni tal-inkompetenza tal-uffiċjali, għal żewġ sentenzi li tgħid li huma konfliġġenti, fejn dik fl-ismijiet **Fabio Vespa *vs.* Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati** ġiet deċiża fit-12 ta' Lulju, 2019 minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta, u dik fl-ismijiet **Ikil Mahmoud *vs.* Direttur tal-Aġenzija Identità Malta et** ġiet deċiża fit-30 ta' Lulju, 2020 mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla [Rik. Nru. 333/2019]. Tiddikjara li hija kienet taqbel mal-fehma ta' din l-aħħar sentenza, u tissottometti li l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta magħmulin fl-ewwel sentenza, huma difettużi fil-liġi. L-appellanta tkompli billi tispjega r-raġunijiet tagħha għal dan. Tibda billi tagħmel riferiment għall-prinċipju *lex specialis derogat legi generali*. Tirrileva li meta id-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati ġie sostitwit mill-Aġenzija appellata permezz tal-Kap. 595, ma kien ġie ppubblikat l-ebda avviż fil-Gazzetta tal-Gvern skont kif jirrikjedi s-subartikolu 26(2) tal-Kap. 217. Iżda din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Fabio Vespa *vs.* Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati** kienet ċaħdet l-aggravju tal-appellant li d-deċiżjoni ma kinitx inħarġet minn uffiċjal awtorizzat skont il-liġi minħabba dak li hemm imfisser fir-Raba' Skeda tal-Kap. 595. L-appellanta tgħid li hija ssibha diffiċli li taċċetta r-raġunar tal-Bord iżda wkoll ta' din il-Qorti kif imfisser fis-sentenza suċitata, u tikkontendi li kien hemm bżonn ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex l-Aġenzija appellata setgħet tibda teżerċita l-funzjonijiet taħt il-Kap. 217, u b'hekk issir delega tal-poteri lilha. B'hekk l-Aġenzija appellata qatt ma kellha l-poter li tiċħad l-applikazzjoni tagħha. Iżda hawn hija tqajjem punt ieħor fir-rigward tal-firma in kwistjoni. B'riferiment għal dak li qal il-Bord appellat fir-rigward tal-fatt li l-Kap Eżekuttiv kien iddeċieda l-każ mhux f'ismu personali iżda fil-kwalità tal-kariga tiegħu, issottomettiet li jidher li l-Bord ma tax każ tal-ittra

li biha ġiet miċħuda l-applikazzjoni tagħha, għaliex mill-istess ittra kien jirriżulta li l-Kap Eżekuttiv ma kienx iffirma tali deċiżjoni, u saħansitra lanqas ma ssemma. B'hekk tgħid li xorta waħda d-deċiżjoni ittieħedet minn persuna inkompetenti. Dwar it-tieni aggravju tagħha, l-appellanta wara li tiċċita silta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar *vs.* L-Onor Dr. Joseph Muscat Prim Ministru et**[1], tissottometti li jekk wieħed jeżamina l-fatti u l-evidenza kollha tagħha kif għandu jkun u b'mod raġonevoli, seta' jara li hija kienet qed tfittex *second opinion* biss mill-Ġermanja u mhux trattament, u kull intervent mediku sussegwenti kien ser isir hawn Malta. Tagħlaq billi tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti, kif ippreseduta, fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Diċembru, 2021 fl-ismijiet **Odessa Mae Guting *vs.* Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs**.

9. L-appellati qabel xejn jissottomettu li fil-fehma tagħhom id-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u għalhekk timmerita konferma. Dwar l-ewwel aggravju, jirrilevaw li kien biss f'Novembru 2021 wara li ntavolat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem il-Bord fit-23 ta' Ġunju, 2020, li l-appellanta ressqet l-eċċezzjoni tan-nullità tad-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata, u għalhekk kien jidher kemm kienet qegħda tagħmel minn kollox biex tottjeni n-nullità ta' deċiżjoni tajba. Jissottomettu li l-firmatarju tad-deċiżjoni ffirma f'isem uffiċjal li jokkupa l-kariga ta' *Senior Manager,* u għalkemm kien minnu li huwa ma kienx indika ismu, l-ebda kwistjoni dwar dan il-punt ma tqajmet quddiem il-Bord. Jekk imbagħad kienet ġiet rilevata f'dak l-istadju, kienet faċilment tiġi riżolta permezz ta konferma taħt ġurament, u jekk din il-Qorti kienet ser tgħaddi

[1] Q.A.(Sup.), 14.12.2018.

sabiex tikkonsidra l-argument tal-appellanta, huma qegħdin jirriżervaw d-dritt li jwieġbu permezz tal-produzzjoni ta' xhieda li jistgħu jikkonfermaw il-firma. Jgħidu li anki jekk in-nuqqas jikkostitwixxi ksur tal-i*standards* mistennija, dan ma kienx wieħed sostantiv u ma jbiddel xejn mid-deċiżjoni, u wara kollox il-kwistjoni setgħet faċilment tiġi sorvolata quddiem il-Bord. Għal dak li jirrigwarda t-tieni punt tal-ewwel aggravju tal-appellanta, filwaqt li jikkontendu li fis-sistema ġuridika tagħha ma jeżistix l-istitut tal-preċedent, huma jissottomettu li l-konsiderazzjonijiet quddiem il-Bord fil-każ odjern kienu aktar viċin dawk tas-sentenza Vespa milli dawk tas-sentenza Mahmoud, u jgħaddu sabiex jispjegaw għaliex. Jissottomettu li l-kompetenza tal-Aġenzija appellata fir-rigward tal-ħruġ ta' dawn id-deċiżjonijiet, ġiet mogħtija *ope legis* mil-*lex specialis* li permezz tagħha ġiet stabbilita l-Aġenzija appellata, u hawn huma jagħmlu riferiment għar-regolament 9 tal-L.S. 595.07, li jipprovdi li din għandha jkollha kap eżekuttiv li *"...jkun responsabbli għall-prestazzjoni, il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-Aġenzija u li jkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-Aġenzija skont l-Att".* Jgħidu li permezz tad-dħul fis-seħħ tal-Att, il-funzjonijiet tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates* ġew assorbiti mill-Aġenzija appellata, liema kwistjoni kienet ġiet deċiża minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza suriferita. Dwar l-aħħar punt imqajjem mill-appellanta fir-rigward ta' dak li qal il-Bord li d-deċiżjoni kienet ittieħdet mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u mhux minn *Senior Manager,* jissottomettu li l-appellanta ma ressqet l-ebda prova dwar dan. Iżda madankollu l-firmaturju li kien *Senior Manager,* mhuwiex uffiċjal f'*rank* baxx fi ħdan l-Aġenzija appellata, u għandu responsabbiltajiet sabiex jiffirma deċiżjoni bħal dik in kwistjoni. Sabiex jissostanzjaw l-argument tagħhom, huma jagħmlu riferiment għal dak li

qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-sentenza tagħha suriferita, anki li *"Sarah Aquilina xehdet li kienet impjegata ma' Identity Malta bejn 27.01.2016 u 30.04.2019. Fit-22.10.2018 ġiet maħtura Senior Manager Expatriates. Tgħid li kienet appuntata l-ewwel Acting Director, imbagħad Director "li msejjaħ illum il-ġurnata fl-aġenzija, Senior Manager".*

Dwar it-tieni aggravju, l-appellati jissottomettu li skont is-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217, appell minn deċiżjonijiet tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' liġi, u jagħmlu riferiment għal diversi sentenzi ta' din il-Qorti in sostenn tal-argument tagħhom. Għalhekk jikkontendu li l-appell odjern mhuwiex ammissibbli. Iżda għal kull buon fini huma għaddew sabiex jagħmlu wkoll sottomissjonijiet fil-mertu. Jirrilevaw li l-liġi ma tipprovdiex għar-rekwiżiti dwar il-ħruġ o meno ta' permessi ta' residenza fil-każ ta' saħħa jew kura, iżda wieħed kellu jżomm f'moħħu l-prinċipji ġenerali li dawn jingħataw għal skopijiet partikolari soġġetti għal prova. Iżda meta l-iskop jintemm, imbagħad ma jkunx hemm raġuni għaliex il-persuna tista' tibqa' fil-pajjiż, sakemm din ma turiex li hemm xi raġuni oħra li fuqha tista' ssejjes applikazzjoni għal permess ieħor. Jirrilevaw li l-appellanta ilha għal diversi snin tirrisjedi hawn Malta minħabba kwistjoni ta' saħħa u kura li kienet qegħda tirċievi, iżda anki minħabba studju. Madankollu meta reġgħet applikat fl-2019, l-appellanta ma kinitx uriet li l-kura kienet din id-darba ser tingħata hawn Malta, iżda għall-kuntrarju din kienet ser tirċeviha f'pajjiż ieħor, u għalhekk ir-raġuni għalfejn hija setgħet tingħata permess ta' residenza temporanja ma kinitx ġiet sodisfatta. L-Aġenzija appellata kienet ukoll tat alternattiva lill-appellanta, fejn qaltilha li wara li tieħu l-kura barra minn Malta, hija setgħet terġa' tirritorna hawn permezz ta' visa u tapplika mill-ġdid jekk

ikollha bżonn il-kura hawn Malta. Fir-rigward tar-riferiment tal-appellanti għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta, fl-ismijiet **Odessa Mae Guting *vs.* Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs**, jissottomettu li għalkemm huma jaqblu perfettament mal-insenjament, huma jgħidu li hemm distakk qawwi bejn il-konsiderazzjoni magħmula mill-Bord f'dak il-każ, u d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata fil-każ odjern fejn is-sensittività hija evidenti mis-suġġeriment li sar lill-appellanti. Iżda jinsistu li hemm differenza qawwija bejn li wieħed juri sensittività u mogħdrija, u li wieħed jinjora għal kollox ir-rekwiżiti stabbiliti fil-ħruġ ta' permessi ta' residenza, sabiex tiġi akkomodata persuna.

10. Il-Qorti l-ewwel ser tikkonsidra t-tieni aggravju tal-appellanta ġaladarba li l-appellati qegħdin jissottomettu li din il-parti tal-appell tagħha hija inammissibbli, u dan għaliex isostnu li ma ġewx imħarsa d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217. Tagħraf li l-appellanta mill-ewwel tagħmel ċar li l-aggravju tagħha jirrigwarda l-apprezzament tal-provi kif magħmul mill-Bord. Hija tittanta tikkonvinċi lil din il-Qorti sabiex tiddisturba dan l-apprezzament, iżda l-Qorti tgħid li d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217 huma ċari, u ma jagħtuha l-ebda setgħa li tindaħal fid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Bord. Għaldaqstant qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dan it-tieni aggravju tal-appellanta.

11. Dwar l-ewwel aggravju, il-Qorti hawn ukoll issib li s-sottomissjonijiet tal-appellati huma ġustifikati. Għal dak li jirrigwarda l-ilmenti tal-appellanta li (a) id-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata hija nieqsa mill-firma tal-Kap Eżekuttiv tagħha, u għalhekk id-deċiżjoni ttieħdet minn persuna li mhux kompetenti; u (b) il-firma mhijiex *up to standard* billi ma saritx skont id-Direttiva 4 maħruġa

mill-*Office of the Principal Permanent Secretary* dwar *'Consolidated Service Quality Standards',* il-Qorti tagħraf li dawn qegħdin jitressqu għall-ewwel darba fil-proċeduri odjerni proprju quddiem din il-Qorti tal-Appell. Dan ifisser li jekk hija tittratta dawn il-kwistjonijiet, l-appellati ser ikunu ġew imċaħħda mid-dritt tagħhom li jressqu l-provi tagħhom u s-sottomissjonijiet opportuni quddiem il-Bord, sabiex b'hekk ukoll jitilfu d-dritt tal-eżami doppju tal-imsemmija kwistjonijiet. Filwaqt li tirrileva li l-appellanta ma ppreżentat l-ebda raġuni għaliex dawn l-eċċezzjonijiet qed jitressqu f'stadju tal-appell tal-proċeduri odjerni, il-Qorti tiddikjara li ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-parti relattiva tal-ewwel aggravju tal-appellanta. Għal dak li jirrigwarda l-kumplament tal-ewwel aggravju tagħha, fejn hija ssostni li din il-Qorti għandha timxi skont it-tagħlim tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tat-30 ta' Lulju, 2020 fl-ismijiet **Ikil Mahmoud *vs.* Direttur tal-Aġenzija Identità Malta et**[2], stante li l-konsiderazzjonijiet tagħha kif espressa fis-sentenza tagħha, kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Fabio Vespa *vs.* Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati**[3], huma difettużi. Madankollu din il-Qorti ma tarax raġuni għalfejn hija għandha tiddipartixxi mill-insenjament tagħha, kif diversament ippreseduta, anki għaliex kif sewwa jirrilevaw l-appellati, il-kwistjoni trattata mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla kienet waħda differenti minn dik odjerna.  Għaldaqstant filwaqt li hija qegħda tafferma l-insenjament tagħha kif imfisser fis-sentenza tat-12 ta' Lullju, 2019, fl-ismijiet suċitati, tgħid li l-kwistjoni kif imfissra fl-ewwel aggravju tal-appellata mhijiex ġustifikata, u tiċħad il-parti relattiva mill-imsemmi l-ewwel aggravju.

[2] Rik.nru. 333/2019.
[3] App.Inf. 12.07.19.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tad-diversi lmenti mressqa mill-appellanta skont kif indikat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, tiċħad il-kumplament tal-appell tal-appellanta u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**